



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15548/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0414(NLE)

ECOFIN 1191
FIN 1170
UEM 357

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 729 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10157/21 INIT; ST 10157/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Latvja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 729 final.

Mehmuż: COM(2023) 729 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2023
COM(2023) 729 final

2023/0414 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10157/21 INIT; ST 10157/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Latvja

{SWD(2023) 375 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10157/21 INIT; ST 10157/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Latvja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mil-Latvja fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021².
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru jenħtieġ li tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fis-26 ta' Settembru 2023, il-Latvja ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitlu tar-REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) Il-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tippromponi lill-Kunsill biex jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 meta jitqies li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki għall-RRP ippreżentati mil-Latvja jikkonċernaw 70 miżura.
- (5) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lil-Latvja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Latvja twessa'

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 10157/21; ST 10157/21 ADD 1.

t-tassazzjoni, inkluż tal-proprjetà u l-kapital, u ssaħħa l-adegwatezza tal-kura tas-saħħa u l-protezzjoni soċjali. Huwa rrakkomanda wkoll lil-Latvja biex tkompli l-implimentazzjoni kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, tiffinalizza malajr il-kapitolu tar-REPowerEU u tipproċedi bl-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju permezz ta' self pubbliku u skemi ta' garanzija. Fejn jidhru l-isfidi marbuta mal-enerġija, il-Kunsill irrakkomanda li l-Latvja ttejjem il-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza għall-enerġija fis-saħħa malajr kemm jista' jkun fl-2023 u fl-2024 jew mill-inqas tiżgura li dawn il-miżuri, jekk ikun meħtieġ, ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu affordabbli fiskalment, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Latvja tnaqqas id-dipendenza ġenerali tagħha fuq il-fjuwils fossili billi taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli u ssaħħa il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, tiżgura kapaċità suffiċjenti ta' interkonnessjonijiet u tkompli s-sinkronizzazzjoni mal-grilja tal-elettriku tal-Unjoni, u żżid l-isforzi ta' politika mmirati lejn it-titjib tal-ħiliet ekoloġiċi.

- (6) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-saħħa soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP modifikat. Il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241

- (7) L-emendi għall-RRP ippreżentati mil-Latvja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 35 miżura.
- (8) Il-Latvja spjegat li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fit-termini speċifiċi previsti fl-RRP oriġinali minħabba tfixkil fil-katina tal-provvista. Dan jikkonċerna miri bin-numri sekwenzjali 3 u 4 tal-miżura 1.1.1.1i (Investiment: Trasport ferrovjarju tal-passiġġieri kompetittiv fis-sistema komuni ta' trasport pubbliku tal-belt ta' Riga), mira bin-numru sekwenzjali 5 tal-miżura 1.1.1.2i (Investiment: Titjib favur l-ambjent għas-sistema ta' trasport pubbliku tal-belt ta' Riga), mira bin-numru sekwenzjali 6 tal-miżura 1.1.1.3.i (Investiment: Infrastruttura kompluta għas-sewqan tar-roti) u mira bin-numru sekwenzjali 18 tal-miżura 1.2.1.4.i (Investiment: It-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini tas-settur pubbliku, inkluż bini storiku), kollha taħt il-komponent 1 (It-Tibdil fil-Klima u s-Sostenibbiltà Ambjentali); u stadji importanti bin-numri sekwenzjali 176 u 177 tal-miżura 6.1.2.1.i (Investiment: Il-konnessjoni tat-tagħmir ferrovjarju bir-raġġi X ma' Baxe u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali għall-analiżi tal-immagna tal-iskannjar tal-merkanzija ferrovjarja) taħt il-komponent 6 (L-Istat tad-Dritt). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-miri bin-numru sekwenzjali 3, 4, 5, 6, 18 u 102, u testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti bin-numru sekwenzjali 176 u 177. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-Latvja spjegat li sitt miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kif previst fl-RRP oriġinali minħabba inflazzjoni għolja, f'xi każijiet flimkien ma' tfixkil fil-katina tal-provvista. Dan jikkonċerna miri bin-numri sekwenzjali 63 u 64 tal-miżura 2.3.1.2.i (Investiment: L-iżvilupp ta' ħiliet diġitali ewlenin tal-intrapriżi) taħt il-komponent 2

(Trasformazzjoni Diġitali). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li tnaqqas il-valur tal-miri bin-numri sekwenzjali 63 u 64. Dan jikkonċerna mira bin-numru sekwenzjali 102 tal-miżura 3.1.1.4.i (Investiment: Il-ħolqien ta' fond tal-finanzjament għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kirjiet baxxi) taħt il-komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li tnaqqas l-ambizzjoni inizjali tal-miżura msemmija hawn fuq. Dan jikkonċerna wkoll l-istadji importanti u l-miri bin-numri sekwenzjali 113, 114, 115, 116 u 117 tal-miżura 3.1.2.1.i (Investiment: Miżuri li jippromwovu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjiegi għall-persuni b'diżabilità), miri bin-numri sekwenzjali 122 u 123 tal-miżura 3.1.2.3.i (Investiment: Ir-reżiljenza u l-kontinwità tas-servizz tal-kura soċjali sostenibbli) u l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 125 u 126 tal-miżura 3.1.2.4.i (Investiment: L-iżvilupp sinerġistiku ta' servizzi ta' riabilitazzjoni soċjali u professjonali għas-sikurezza ta' persuni b'diżabilità), kollha taħt il-komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza). Sabiex jinżamm il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' dawn it-tliet miżuri, il-Latvja kkumpensat iż-żieda fl-ispejjeż stmati permezz tal-użu ta' riżorsi addizzjonali disponibbli wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonernaw ukoll l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 181, 182, 183, 184 u 185 tal-miżura 6.1.2.4.i (Investiment: Il-ħolqien ta' infrastruttura għat-tweqqif ta' servizzi ta' kontroll f'Kundziņsala) taħt il-komponent 6 (L-Istat tad-Dritt). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (10) Il-Latvja spjegat li erba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali minħabba ċirkostanzi oġġettivi li minħabba fihom il-proċess tal-akkwist kellu jittawwal. Dan jikkonċerna mira bin-numru sekwenzjali 66 tal-miżura 2.3.1.4.i (Investiment: L-iżvilupp tal-approċċ għall-kontinwità individwali tal-apprendiment), mira bin-numru sekwenzjali 78 tal-miżura 2.3.2.3i (Investiment: L-għeluq tad-distakk diġitali għal studenti soċjalment vulnerabbli u istituzzjonijiet edukattivi) taħt il-komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali); stadji importanti bin-numri sekwenzjali 119 u 120 tal-miżura 3.1.2.2.i (Investiment: L-iżvilupp ta' għodda għat-tbassir) taħt il-komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza) u l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 180 tal-miżura 6.1.2.3.i. (Investiment: It-titjib tal-kontrolli doganali tal-oġġetti postali li jaslu fil-punt ta' kontroll doganali tal-Ajruport) taħt il-komponent 6 (L-Istat tad-Dritt). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 119, 120 u 180, u li tħassar il-mira intermedjarja bin-numru sekwenzjali 78, filwaqt li l-mira intermedja bin-numru sekwenzjali 66 tinżamm (filwaqt li l-mira finali tal-miżura tinżamm intatta). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (11) Il-Latvja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb kif previst fl-RRP oriġinali minħabba punti ta' konġestjoni mhux previsti. Dan jikkonċerna mira bin-numru sekwenzjali 71 tal-miżura 2.3.2.1.i (Investiment: Il-ħiliet diġitali għall-abitanti, inkluż iż-żgħażaġh) taħt il-komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li tnaqqas il-valur tal-mira intermedjarja, filwaqt li żżomm il-mira finali għal din il-miżura intatta. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (12) Il-Latvja spjegat li 12-il miżura ġew modifikati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar biex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżuri assoċjati. Dan jikkonċerna mira bin-numru sekwenzjali 12 tal-miżura 1.2.1.2.i (Investiment: Żieda fl-effiċjenza

enerġetika fin-negozju, li hija pplanata li tiġi implimentata fuq livell nazzjonali fil-forma ta' strument finanzjarju kkombinat), u mira bin-numru sekwenzjali 26 tal-miżura 1.3.1.2.i (Investiment: L-investimenti f'infrastruttura li tnaqqas ir-riskju ta' għargħar), it-tnejn taħt il-komponent 1 (It-Tibdil fil-Klima u s-Sostenibbiltà Ambjentali). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li jiżdied il-valur tal-proġetti approvati relatati mat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u li ssir referenza għat-tlestija ta' proġetti ta' protezzjoni kontra r-riskju ta' għargħar. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll miri bin-numri sekwenzjali 35 u 36 tal-miżura 2.1.2.2.i (Investiment: Il-Cloud Federali Nazzjonali tal-Latvja) taħt il-komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li timmodifika s-soluzzjoni teknoloġika għall-implimentazzjoni tal-arkitettura moderna tal-IT u s-soluzzjonijiet cloud fl-amministrazzjoni pubblika. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll l-istadju importanti bin-numri sekwenzjali 42 tal-miżura 2.2.1.r (Riforma: Il-ħolqien taċ-ċiklu sħiħ tal-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozju b'kopertura reġjonali), miri bin-numri sekwenzjali 43 u 44 tal-miżura 2.2.1.1.i (Investiment: Appoġġ għall-istabbiliment ta' Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali u Punti ta' Kuntatt Reġjonali) u miri bin-numri sekwenzjali 45 u 46 tal-miżura 2.2.1.2.i (Investiment: Appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi f'attivitajiet kummerċjali) taħt il-komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li tkabbar il-gruppi ta' benefiċjarji biex iwessgħu t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija. Il-Latvja pproponiet ukoll li tiddifferenzja t-tip ta' kejl tal-output għal gruppi differenti ta' benefiċjarji. Konsegwentement, il-miri bin-numri sekwenzjali 43 u 44 ġew emendati u ġie miżjud stadju importanti ġdid bin-numru sekwenzjali 44a biex jirrifletti l-appoġġ għal gruppi differenti ta' benefiċjarji u jipprevedi t-tip ta' kejl relatat. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll l-istadju importanti bin-numri sekwenzjali 55, 57 u 58 tal-miżura 2.3.1.r (Riforma: L-iżvilupp ta' qafas ta' appoġġ sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti) taħt il-komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li jiġi żviluppat qafas regolatorju uniku bħala soluzzjoni aktar effettiva biex jintlaħqu l-oġġettivi tar-riforma, filwaqt li jissaħħu l-impenji relatati mal-implimentazzjoni tagħha, u biex jiġu implimentati b'mod konġunt skemi ta' taħriġ eżistenti u pplanati. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll l-istadju importanti bin-numri sekwenzjali 128 tal-miżura 3.1.2.5.i (Investiment: Il-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda, ta' dawk li qed ifittxu impjieg u ta' persuni fir-riskju tal-qgħad), taħt il-komponent 3 (Tnaqqis tal-inugwaljanza). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li jiġi rivedut l-għadd ta' għodod ta' valutazzjoni tal-ħiliet diġitali għal waħda, fejn ikunu disponibbli żewġ tipi ta' testijiet, għal konvenjenza aħjar għall-utent u wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll il-mira u l-istadju importanti bin-numri sekwenzjali 155 u 156 tal-miżura 5.1.1.1.i. (Investiment: L-iżvilupp u l-operazzjoni kontinwa ta' mudell tal-governanza veru u proprju tas-sistema tal-innovazzjoni) u l-istadju importanti u l-mira bin-numri sekwenzjali 157 u 158 tal-miżura 5.1.1.2.i. (Investiment: L-iżvilupp u l-operazzjoni kontinwa ta' mudell tal-governanza veru u proprju tas-sistema tal-innovazzjoni), it-tnejn taħt il-komponent 5 (Trasformazzjoni Ekonomika u Riforma tal-Produttività). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li tirrevedi l-mudell ta' governanza tas-sistema tal-innovazzjoni biex tiżgura appoġġ effettiv fl-iżvilupp ta' raggruppamenti tal-innovazzjoni. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 200 tal-miżura 6.3.1.1.i. (Investiment: Amministrazzjoni pubblika miftuħa, trasparenti, ġusta u responsabbli) u stadju importanti bin-numru sekwenzjali 202 tal-miżura 6.3.1.2.i. (Investiment: Il-professjonalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-bini tal-kapaċità u tal-amministrazzjoni), it-tnejn li huma taħt il-komponent 6 (l-Istat tad-Dritt). Abbażi ta'

dan, il-Latvja talbet li d-dokument adottat jinbidel minn Linji Gwida tal-Qafas ta' Kompetenza għal att regolatorju intern, b'dan il-mod tissaħħaħ il-bażi ġuridika tal-adozzjoni tal-qafas ta' kompetenza tal-Iskola tal-Amministrazzjoni Pubblika. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (13) Il-Latvja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fit-termini speċifiċi previsti fil-pjan oriġinali minħabba tibdil mhux mistenni fil-provvista ta' servizzi diġitali. Dan jikkonċerna miri bin-numri sekwenzjali 29 u 30 tal-miżura 2.1.1.1.i (Investiment: Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi, inkluż l-ambjent tan-negozju), miri bin-numri sekwenzjali 32,33 u 34 tal-miżura 2.1.2.1.i (Investiment: Pjattaformi u sistemi ta' governanza ċentralizzati), mira bin-numru sekwenzjali 39 tal-miżura 2.1.3.1.i (Investiment: Id-disponibbiltà, il-kondiviżjoni u l-analiżi tad-*data*) kollha taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li tqassam mill-ġdid l-iffinanzjar madwar dawn il-miżuri u li timmodifika l-valour tal-mira bin-numru sekwenzjali 39. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (14) Il-Latvja spjegat ukoll li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb fit-termini speċifiċi previsti fil-pjan minħabba ċirkostanzi oġġettivi, ġejjin minn kwistjonijiet ta' kompatibbiltà mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 tat-Trattat li ma setgħux jiġu previsti fil-fażi tal-ippjanar. Dan jikkonċerna t-tneħħija tal-mira bin-numru sekwenzjali 82 tal-miżura 2.4.1.1.i. (Investiment: Il-kostruzzjoni tal-Infrastruttura Passiva fil-Kuritur Via Baltica għall-kopertura 5G) taħt il-komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali). Fuq din il-bażi, il-Latvja pproponiet li tuża r-riżorsi finanzjarji liberati bit-tneħħija tal-mira bin-numru sekwenzjali 82 biex iżżid l-ambizzjoni tal-mira bin-numru sekwenzjali 83 tal-miżura 2.4.1.2.i (Investiment: L-iżvilupp tal-infrastruttura tal-broadband jew ta' network b' kapaxità għolja ħafna taċ-ċirkwit lokali ("last mile"), taħt il-komponent 2 (Trasformazzjoni diġitali). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (15) Il-Latvja spjegat li żewġ miżuri ġew modifikati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar biex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżuri assoċjati. Dan jikkonċerna mira bin-numru sekwenzjali 108 tal-miżura 3.1.1.6.i (Investiment: Ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet zero għall-prestazzjoni ta' funzjonijiet u servizzi muniċipali) taħt il-komponent 3 (Tnaqqis tal-inugwaljanza). Fl-istess ħin, il-Latvja pproponiet li tuża r-riżorsi finanzjarji liberati bit-tnaqqis tal-mira ta' allokkazzjoni baġitarja bin-numru sekwenzjali 108 biex iżżid il-mira bin-numru sekwenzjali 106 tal-miżura 3.1.1.5.i (Investiment: L-iżvilupp ta' infrastruttura u tagħmir ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni) taħt il-komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza) sabiex jiġi estiż aktar l-iżvilupp tal-infrastruttura u t-tagħmir tal-istituzzjonijiet edukattivi. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (16) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mil-Latvja jiġġustifikaw l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (17) Ġew identifikati żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jaffettwaw 35 miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Latvja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-miżura 1.1.1 (Riforma: L-Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema tat-Trasport Metropolitan ta' Riga), miżura 1.2.1.1.i. (Investiment: It-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' bini b'aktar minn appartament

wieħed u t-tranżizzjoni għal teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli), miżura 1.2.1.3.i. (Investiment: It-titjib tal-bini u l-infrastruttura municiġjali permezz tal-promozzjoni tat-tranżizzjoni għal teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika), kollha taħt il-komponent 2 (It-Tibdil fil-Klima u s-Sostenibbiltà Ambjentali); miżura 2.1.1.r. Riforma: Il-modernizzazzjoni tal-proċessi u s-servizzi nazzjonali u t-trasformazzjoni diġitali), miżura 2.1.2.r (Riforma: Iż-żieda fl-effiċjenza u l-interoperabbiltà fl-użu tar-riżorsi nazzjonali tal-ICT), miżura 2.1.2.1i (Investiment: Pjattaformi u sistemi ta' governanza ċentralizzati), miżura 2.1.3.r. Riforma: L-iżvilupp tad-data ekonomika nazzjonali u tal-ekonomija tas-servizzi diġitali), miżura 2.2.1.2.i. (Investiment: Appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi f'attivitajiet kummerċjali), miżura 2.2.1.3.i. (Investiment: Għajnuna għall-introduzzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda fin-negozju), miżura 2.2.1.4.i. (Investiment: Strumenti finanzjarji li jiffaċilitaw it-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi), miżura 2.2.1.5.i. (Investiment: It-trawwim tat-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji tal-media (Investiment: L-iżgurar tal-kisba ta' ħiliet diġitali avvanzati (Investiment: L-iżvilupp ta' approċċ ta' taħriġ awtoġestit għall-ispeċjalisti tal-ICT Riforma: Ħiliet diġitali għat-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u l-gvern (Investiment: L-iżvilupp ta' ħiliet u kapaċitajiet ta' trasformazzjoni diġitali fil-gvern lokali), miżura 2.4.1.r. (Riforma: L-iżvilupp tal-infrastruttura tal-broadband), kollha taħt il-komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali), miżura 3.1.1.r (Riforma: Riforma territorjali amministrattiva), miżura 3.1.1.1.i. (Investiment: It-titjib tan-network tat-toroq reġjonali u lokali) u miżura 3.1.1.2.i. (Investiment: It-tisħiħ tal-kapaċità tal-municiġalitajiet biex jittejbu l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizz), miżura 3.1.2.r. (Riforma: L-aċċess għas-servizzi soċjali u tal-impjiegi b'appoġġ għar-riforma tal-introjt minimu), miżura 3.1.2.5.i. (Investiment: Il-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda, ta' dawk li qed ifittxu impjeg u ta' persuni fir-riskju tal-qgħad), kollha taħt il-komponent 3 (Tnaqqis tal-inugwaljanza); miżura 4.1.1.r (Riforma: Is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' sistema tal-kura tas-saħħa integrata, komprensiva u ffukata fuq il-bniedem. (Investiment: L-appoġġ għar-riċerka dwar is-saħħa pubblika), miżura 4.1.1.2.i. (Investiment: L-appoġġ għat-tisħiħ tal-infrastruttura tas-saħħa tal-isptarijiet universitarji u reġjonali), miżura 4.1.1.3.i. (Investiment: L-appoġġ għat-tisħiħ tal-infrastrutturata' fornituri sekondarji ta' servizzi ta' outpatient), miżura 4.2.1.r. (Riforma: L-għoti ta' riżorsi umani u t-titjib tal-ħiliet), miżura 4.3.1.1.i. (Investiment: Appoġġ għall-valutazzjoni u t-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà ta' kura tas-saħħa sekondarja mhux fi sptar.), kollha taħt il-komponent 4 (Saħħa); miżura 5.1.r. (Riforma: Appoġġ għall-valutazzjoni u t-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà ta' kura tas-saħħa sekondarja mhux fi sptar.), miżura 5.2.1.r. (Riforma: Ir-Riforma tal-Edukazzjoni Għolja u l-Eċċellenza Xjentifika u l-Governanza) taħt il-komponent 5 (Trasformazzjoni Ekonomika u Riforma tal-Produttività); miżura 6.1.1.r. It-tisħiħ tal-analitika u l-iżvilupp tal-ġestjoni tad-*data* fil-qasam tal-amministrazzjoni tat-taxxa u d-dwana, miżura 6.1.2.R (Riforma: L-analiżi mill-bogħod u ċentralizzata ta' immaġnijiet skannjati fil-Punti ta' kontroll doganali), miżura 6.2.1.2.i (Investiment: It-tisħiħ tal-kapaċità li tinvestiga l-kriminalità ekonomika), miżura 6.2.1.3.i. (Investiment: Il-ħolqien ta' ċentru ta' taħriġ uniku għall-iżvilupp tal-kwalifiki tal-imħallfin, il-persunal tal-qorti, il-prosekuturi, l-assistenti prosekuturi u l-investigaturi speċjalizzati (kwistjonijiet interdixxiplinari)), miżura 6.3.1.3.i. (Investiment: L-iżvilupp tal-ekosistema innovattiva tal-amministrazzjoni pubblika), miżura 6.3.1.4.i (Investiment: It-tkabbir ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi għat-tisħiħ tar-rappreżentanza tas-sigurtà soċjali u l-monitoraġġ tal-interessi pubbliċi), kollha taħt il-komponent 6 (L-Istat tad-Dritt). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-kapitolu REPowerEU bbażat fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241

- (18) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi riforma ġdida waħda u tliet investimenti ġodda. Ir-riforma għandha l-għan li tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u li tavvanza l-għan tal-Latvja li ssir pajjiż esportatur tal-enerġija ekoloġika. L-ewwel investiment għandu l-għan li jaċċellera s-sinkronizzazzjoni tal-grilja nazzjonali man-networks tal-elettriku tal-Ewropa Kontinentali, u li jiżgura u jstabbilizza l-provvista tal-enerġija. It-tieni investiment huwa artikolat f'erba' partijiet u għandu l-għan li jimmodernizza, jiddiġitalizza u jiżgura n-network nazzjonali tal-enerġija billi (a) iżid il-kapaċità tal-grilja nazzjonali biex jakkomoda integrazzjoni oġhla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli varjabbli, (b) itejjeb il-linji tat-trażmissjoni tal-enerġija, (c) jimplementa soluzzjoni avvanzata għall-ġestjoni tad-distribuzzjoni intelliġenti, u (d) ilesti studji analitiċi meħtieġa biex ifassal it-triq tal-Latvja biex issir pajjiż esportatur tal-enerġija ekoloġika. Bit-tielet investiment, issir il-kostruzzjoni ta' punt ta' injezzjoni tal-bijometan sostenibbli ġdid u l-iżvilupp ta' soluzzjoni tal-IT għall-ġestjoni intelliġenti tal-punt ta' injezzjoni.
- (19) Ir-riforma tikkontribwixxi wkoll biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku billi tappoġġa u tippromwovi l-komunitajiet tal-enerġija.
- (20) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u l-Anness V, il-kriterju 2.1, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmijin fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi li jħabbat wiċċu magħhom l-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (22) Fir-rigward tal-ewwel pilastru, il-RRP modifikat tal-Latvja jinkludi miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi ekoloġiċi, jiġifieri fil-kapitolu REPowerEU. Il-miżuri f'dan il-kapitolu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-oġettiv tal-Unjoni tan-newtralità klimatika sal-2050 billi jħejju l-grilja tal-enerġija nazzjonali għal integrazzjoni akbar tal-elettriku rinnovabbli u billi jżidu l-adozzjoni tal-bijometan sostenibbli. Miżura 7.1.r (Riforma: It-trasformazzjoni tas-settur nazzjonali tal-enerġija) hija mistennija li (i) tintroduċi qafas ta' abilitazzjoni għall-komunitajiet tal-enerġija, għall-awtokonsumaturi u għas-sidien ta' mikroġeneraturi, (ii) tistabbilixxi kundizzjonijiet għal użu aktar effiċjenti tan-networks eżistenti ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, u (iii) tistabbilixxi kundizzjonijiet biex tiżdied l-adozzjoni ta' bijometan sostenibbli li għandu jiġi injettat fin-network eżistenti tal-gass naturali. Il-miżuri kollha inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, jew biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet

rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil-Latvja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħrajn adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (24) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati formalment mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-pjan modifikat mill-Kummissjoni. Billi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal-Latvja ġiet aġġustata 'l isfel, ir-rakkomandazzjonijiet tal-2022 u tal-2023 mhux relatati mal-isfidi tal-enerġija mhumiex ikkunsidrati fil-valutazzjoni ġenerali.
- (25) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-RRP modifikat, il-Kummissjoni ssib li nkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-politika fiskali (2022), il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (CSR 2020.4.1., 2019.1.3.), l-appoġġ ta' likwidità biex jiġi miġġieled l-impatt tal-kriżi (CSR 2020.3.1.) kif ukoll l-espansjoni tal-investment pubbliku fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali (CSR 2022.1.2.).
- (26) Il-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil-Latvja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi (CSR 2020.3.6, 2020.3.5., 2019.3.3., 2019.3.4.) u diġitali (CSR 2020.3.7., 2019.3.5.), l-esklużjoni soċjali (CSR 2020.2.1., 2020.2.4., 2019.2.1., 2019.2.3.), il-kura tas-saħħa (CSR 2020.1.2., 2019.2.3.), id-disparitajiet reġjonali (CSR 2019.4.1.) u l-akkomodazzjoni affordabbli (CSR 2019.3.2.), il-ħiliet diġitali u t-tagħlim għall-adulti (CSR 2020.2.4., 2019.2.2., 2019.2.4.), u l-edukazzjoni għolja (CSR 2019.2.2.), il-konverġenza u t-tkabbir tal-produttività, inklużi r-riċerka u l-innovazzjoni u l-appoġġ għall-investimenti tan-negozju (CSR 2020.3.4., 2019.3.1.), u l-kapaċità amministrattiva, inklużi l-amministrazzjoni tat-taxxa, l-akkwist pubbliku u s-sistema ġudizzjarja (CSR 2019.4.1.).
- (27) Fl-RRP modifikat, il-Latvja ma tneħħi l-ebda riforma u tippreserva l-livell ta' ambizzjoni tagħhom fis-sitt komponenti kollha. It-tnaqqis tal-miri f'xi wħud mill-investimenti minħabba raġunijiet oġġettivi jittaffa billi jiżdiedu jew jiġu mfitxija alternattivi aħjar f'oħrajn.
- (28) Il-Kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2022 u tal-2023 relatati mal-enerġija. B'mod partikolari, il-miżura ta' riforma 7.1.r (Riforma: It-trasformazzjoni tas-settur nazzjonali tal-enerġija) hija mistennija li tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Il-miżuri ta' investment 7.2.i (Investiment: Is-sigurtà u l-istabbiltà tal-provvista tal-enerġija, u s-sinkronizzazzjoni mal-grilja tal-Unjoni), 7.3.i (Investiment: L-aġġornament, id-diġitalizzazzjoni u l-iżguraw tan-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku) u 7.4.i (Żieda fl-użu tal-bijometan sostenibbli) huma mistennija wkoll li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u jaċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli billi jżidu l-użu ta' bijometan sostenibbli, billi jiddiġitalizzaw, jaġġornaw u jiżguraw in-networks nazzjonali tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, u billi jżidu l-ħżin u l-kapaċità tal-elettriku. Huma mistennija wkoll li jiżguraw kapaċità suffiċjenti ta' interkonnessjonijiet u li jkomplu s-sinkronizzazzjoni mal-grilja tal-elettriku tal-Unjoni.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").
- (30) Il-pjan modifikat jevalwa l-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (2021/C58/01). Il-bidliet introdotti fil-miżuri permezz tal-modifika tal-pjan ma jaffettwawx il-valutazzjoni mwettqa għall-RRP oriġinali.
- (31) Għar-riformi u l-investimenti modifikati u ġodda kollha introdotti, inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU, il-Latvja pprovdiet valutazzjoni ta' kull miżura kontra l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Fejn meħtieġ, fl-istadji importanti u l-miri rilevanti jiġu inklużi salvagwardji speċifiċi biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Bl-informazzjoni pprovduta mil-Latvja jkun jista' jiġi konkluż li l-pjan mistenni jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.
- (32) L-ebda miżura skont l-RRP Latvjan modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU ma taq' taħt l-Artikolu 21c(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribut għall-objettivi tar-REPowerEU

- (33) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, għal żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, għal żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew għat-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (34) Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b), (c) u (f) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-investiment u r-riforma li takkumpanjah dwar il-bijometan sostenibbli huma mistennija li jżidu l-użu ta' dan is-sors billi joħlqu punt ta' injezzjoni reġjonali u billi jstabilixxu qafas legali għall-injezzjoni ta' bijometan sostenibbli fin-network eżistenti tal-gass naturali (l-objettiv tal-punt (b)). Skont dan il-qafas, huwa mistenni li anki l-produtturi żgħar tal-bijometan se jkunu jistgħu jikkontribwixxu għaż-żieda fl-użu ġenerali ta' dan is-sors billi jkollhom aċċess għall-punti ta' injezzjoni disponibbli. L-investiment fil-modernizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u s-sigurtà tal-grilja tal-elettriku huwa mistenni li jżid is-sehem u jaċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli bl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-grilji intelliġenti kemm fil-livell tat-trażmissjoni kif ukoll f'dak tad-distribuzzjoni, u billi jżid il-kapaċità tal-grilja nazzjonali li takkomoda l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (l-objettiv tal-punt (b)). Ir-riforma mistennija tindirizza l-faqar enerġetiku billi tistabilixxi qafas regolatorju favorevoli għall-komunitajiet tal-enerġija u l-awtoġenerazzjoni, u billi tintroduċi taħt dan il-qafas inizjattivi favur gruppi vulnerabbli (l-objettiv tal-punt (c)). L-investiment fil-

³ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

kostruzzjoni ta' Sistema għall-Ħżin tal-Enerġija bil-Batteriji huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet interni u transfruntiera fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija li jirriżultaw mid-desinkronizzazzjoni progressiva tal-grilja nazzjonali min-networks Russi u Belarussi (l-objettiv tal-punt (e)). Dan l-investment għandu jappoġġa wkoll il-ħżin tal-elettriku u jżid is-sigurtà tal-enerġija (l-objettiv tal-punt e)).

- (35) Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma koerenti mal-isforzi tal-Latvja biex tilħaq l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li tqis il-miżuri inklużi fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill diġà adottata, kif ukoll miżuri komplementari jew ta' akkumpanjament oħrajn iffinanzjati fil-livell nazzjonali u ffinanzjati mill-Unjoni. L-investment fil-kostruzzjoni ta' Sistema għall-Ħżin tal-Enerġija bil-Batteriji huwa komplementari għal proġett transfruntier iffinanzjat mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. L-objettivi tal-kapitolu REPowerEU huma allinjati mal-isforzi tal-Latvja biex tkompli tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, biex taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika, u biex issir pajjiż esportatur tal-enerġija nadifa.

Miżuri li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (36) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija li fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) ikollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (37) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jikkontribwixxi għall-iżgurar tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi billi jakkomoda l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli permezz ta' soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-grilji intelliġenti, billi jimmodernizza u jiżgura l-infrastrutturi tal-elettriku, billi jżid il-kapaċità tal-ħżin tal-elettriku, kif ukoll billi jaċċellera s-sinkronizzazzjoni tal-grilja tal-elettriku tal-Baltiku mal-grilja tal-Unjoni.
- (38) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi jżid l-użu tal-bijometan sostenibbli u billi jinvesti fil-modernizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u s-sigurtà tal-grilja tal-elettriku biex jakkomoda integrazzjoni akbar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Il-miżura ta' investment li tkopri l-installazzjoni ta' Sistema ta' Ħżin tal-Enerġija bil-Batteriji (BESS) għandha l-għan li tikkomplementa proġett transfruntier implimentat mill-Latvja, il-Litwanja, l-Estonja u l-Polonja, bil-ħsieb li tiġi żgurata sinkronizzazzjoni sħiħa tan-networks tal-elettriku tal-Istati Baltiċi man-network tal-Ewropa Kontinentali. Dan l-investment jinkludi wkoll attivitajiet anċillari mmirati lejn it-tiżni ta' ċibersigurtà tal-infrastrutturi kritiċi u l-iżgurar ta' tħaddim stabbli tan-network ta' trażmissjoni wara s-sinkronizzazzjoni, fid-dawl ta' integrazzjoni akbar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (RES). L-investment fit-tiżni, id-diġitalizzazzjoni u l-iżgurar tan-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku għandu wkoll dimensjoni u effett transfruntiera u multinazzjonali, peress li huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-konġestjonijiet fil-flussi tal-enerġija u jiffaċilita l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fin-networks.
- (39) L-istima tal-kostijiet tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali jirrappreżentaw 53 % tal-istima tal-kostijiet tal-kapitolu REPowerEU. Għalhekk, il-kapitolu huwa meqjus li għandu, fil-biċċa l-kbira, dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (40) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) u l-Anness V, il-kriterju 2.5 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi miżuri li fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 42 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP u 100 % tal-istima tal-kostijiet totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (41) Il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU għandhom impatt dejjiemi peress li se jikkontribwixxu biex jimmodernizzaw, jiżguraw u jiddiġitalizzaw in-networks nazzjonali tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku. L-investimenti fil-grilja nazzjonali huma kruċjali biex tiġi ttranzizzjoni lejn enerġija nadifa u s-sinkronizzazzjoni tan-networks nazzjonali man-network tal-Ewropa Kontinentali, anke fid-dawl tal-oġettiv tal-UE tan-newtralità klimatika sal-2050. Barra minn hekk, il-miżuri fil-kapitolu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri għall-enerġija u l-klima tal-Unjoni għall-2030 u l-oġettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika sal-2050 billi jħejju l-grilja tal-enerġija nazzjonali għal integrazzjoni akbar tal-elettriku rinnovabbli u billi jżidu l-użu tal-bijometan sostenibbli. Ir-riforma hija mistennija li (i) tintroduċi qafas ta' abilitazzjoni għall-komunitajiet tal-enerġija, għall-awtokonsumaturi u għas-sidien ta' mikrogeneraturi, (ii) tistabbilixxi kundizzjonijiet għal użu aktar effiċjenti tal-infrastrutturi eżistenti ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, u (iii) tistabbilixxi kundizzjonijiet biex jiżied l-użu ta' bijometan sostenibbli li għandu jiġi injettat fin-network eżistenti tal-gass naturali.
- (42) L-investment fl-iżgurar u l-istabbilizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija, u s-sinkronizzazzjoni tan-network nazzjonali tal-elettriku mal-grilja tal-Unjoni se jkompli jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-Latvja lil hinn mill-fjuwils fossili. L-investment fit-titjib, id-diġitalizzazzjoni u l-iżgurar tan-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku huwa mistenni li jakkomoda ammont oġġla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli varjabbli fl-għan tal-Latvja li ssir pajjiż esportatur tal-enerġija nadifa. L-investment fil-bijometan sostenibbli se jikkomplementa l-isforz nazzjonali biex jiżied is-sehem u jiġi ttranzizzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Għalhekk, il-miżuri kollha inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, jew li jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 23 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP modifikat ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (44) Il-miżuri diġitali inklużi fl-RRP modifikat ikomplu jkopru diversi aspetti tat-trasformazzjoni diġitali li jinkludu s-setturi pubbliċi u privati, il-ħiliet u l-konnettività, b'enfasi fuq it-titjib tal-kompetittività tal-ekonomija Latvjana fuq terminu medju u

twil. Il-modifiki għall-RRP Latvjan ma għandhomx impatt fuq il-kontribut sostanzjali tal-RRP għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-isfidi li jirriżultaw minnha.

- (45) Il-Kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw billi jinvesti fid-diġitalizzazzjoni tan-networks tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni tal-elettriku, u fis-sigurtà diġitali tal-infrastrutturi kritiċi tal-enerġija. Il-miżuri taħt il-kapitolu se jikkontribwixxu wkoll biex tiżdied il-kapaċità tal-ħżin relatata ma' sistemi tal-enerġija intelliġenti. F'konformità mal-Artikolu 21c(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, ir-riformi u l-investimenti fil-kapitolu tar-REPowerEU ma għandhomx jitqiesu meta tiġi kkalkolata l-allokkazzjoni totali tal-pjan għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-mira diġitali stabbilit minn dak ir-regolament.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (46) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien, l-istadji importanti u l-miri previsti, u l-indikaturi relatati.
- (47) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-pjan ta' rkupru u reżiljenza tal-Latvja ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-pjan ta' rkupru u reżiljenza. L-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri modifikati, inklużi dawk fil-kapitolu REPowerEU, huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għall-miżuri li diġà tlestew u li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-twertiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata talba ta' żborż.

Ikkostjar

- (48) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (49) Il-Latvja pprovdiet kostijiet stmati individwali għall-miżuri l-ġodda kollha li jinvolvu kost fl-RRP inkluż il-kapitolu REPowerEU, kif ukoll ġustifikazzjonijiet individwali għall-miżuri eżistenti kollha li l-modifiki tagħhom kienu jinvolvu bidla fl-istimi tal-kostijiet. L-informazzjoni pprovduta mil-Latvja hija ġeneralment dettaljata biżżejjed biex tippermetti valutazzjoni tar-raġonevolezza u l-plawżibbiltà tal-istimi tal-kostijiet. Il-Latvja pprovdiet stimi u suppożizzjonijiet dwar il-kostijiet bl-użu tat-tabella tal-mudell standard, li kienet maħsuba biex tiġbor fil-qosor l-informazzjoni ewlenija u l-evidenza dwar l-ikkostjar, inkluża l-metodoloġija sottostanti għall-kalkoli tal-kostijiet. Il-Latvja sottomettiet ukoll dokumenti ta' sostenn addizzjonali għall-istimi tal-ispejjeż, inklużi offerti ta' offerti, referenzi għal investimenti komparabbli li saru fil-passat kif ukoll stimi dettaljati tal-ispejjeż imħejjija minn esperti kwalifikati. Barra minn hekk, il-Latvja pprovdiet snin differenti fit-tbassir tal-kost tal-konstruzzjoni tagħha li ġġustifika żieda fil-kostijiet relatata mal-inflazzjoni. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-ispejjeż u d-dokumenti ta' sostenn turi li l-maġġoranza tal-ispejjeż tal-miżuri l-

għodda huma għgustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-ispejjeż tal-miżuri modifikati huma għgustifikati u proporzjonati biżżejjed. Fl-aħħar nett, l-istima tal-kost totali tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni. L-istimi tal-kostijiet tal-miżuri emendati jikkonċernaw biss frazzjoni tal-pjan u ma jaffettwawx il-valutazzjoni tal-pjan oriġinali fir-rigward tal-kriterju tal-ikkostjar (Klassifikazzjoni B).

- (50) Il-Latvja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-kostijiet għall-miżuri għodda u tar-REPowerEU kollha mhux se jiġu ffinanzjati fl-istess ħin minn sorsi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni. L-impenn li jiġu stabbiliti salvagwardji li huma maħsuba biex jipprevjenu l-finanzjament doppju jibqa' u ma nbidilx mill-modifika tal-pjan.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (51) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki mressqa mil-Latvja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 10157/21 INIT; ST 10157/21 ADD 1 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal-Latvja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (c), (g), (j) u (k).

Proċess ta' konsultazzjoni

- (52) F'konformità mal-qafas legali nazzjonali tagħha, il-Latvja wettqet serje ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tiddiskuti l-emendi għar-Regolament (UE) 2021/241 kif ukoll il-kontenut tal-RRP modifikat tagħha. Il-pubbliku ġenerali ġie kkonsultat formalment dwar l-RRP modifikat permezz tal-pjattaforma elettronika tal-Kabinett tal-Ministri f'Mejju-Ġunju 2023. Is-sħab soċjali, inklużi r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet professjonali, ġew ikkonsultati wkoll. Is-suġġerimenti tal-partijiet ikkonċernati huma disponibbli għall-pubbliku. L-involviment tagħhom fid-diskussjonijiet ġie mħeġġeġ permezz tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll użata għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni, fejn ir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati jiffurmaw parti integrali mill-kumitat ta' monitoraġġ tal-fondi tal-UE.
- (53) Bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, għet organizzata konsultazzjoni pubblika dwar il-kapitolu tar-REPowerEU mill-awtoritajiet Latvjani fuq portal leġiżlattiv iddedikat. Waslu total ta' 12-il kontribuzzjoni minn erba' sħab. Il-kummenti li waslu ġew eżaminati mill-awtoritajiet Latvjani u nġhataw spjegazzjonijiet lill-partijiet ikkonċernati dwar l-azzjonijiet ta' segwitu.

Valutazzjoni pożittiva

- (54) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, bil-konstatazzjoni li l-pjan jikkonferma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja

- (55) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU tal-Latvja huma ta' EUR 1 969 244 522. Peress li l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat hija ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal-Latvja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 allokata għall-RRP modifikat tal-Latvja inkluż il-kapitolu REPowerEU tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tal-Latvja inkluż il-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 1 834 501 144.
- (56) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-26 ta' Settembru 2023 il-Latvja ressqet talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-kostijiet totali stmati tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f) inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU huma ta' EUR 134 743 378. Peress li dan l-ammont huwa ogħla mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għal-Latvja, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għal-Latvja jkun daqs is-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 123 797 035.
- (57) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755⁴, fit-28 ta' Frar 2023, il-Latvja ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja tagħha li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit lill-Faċilità, li tammonta għal EUR 10 946 343. Jenħtieġ li dan l-ammont isir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu tar-REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (58) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għal-Latvja jenħtieġ li jkun ta' EUR 1 969 244 522.

Prefinanzjament tar-REPowerEU

- (59) Il-Latvja talbet l-iffinanzjar li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu tagħha ta' REPowerEU: it-trasferiment ta' EUR 10 946 343 mill-allokazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 123 797 035 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (60) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-26 ta' Settembru 2023, il-Latvja talbet prefinanzjament ta' EUR 26 948 676 li huwa 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Latvja soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Latvja skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 ("il-ftehim ta' finanzjament") u f'konformità miegħu.
- (61) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 10157/21 INIT; ST 10157/21 ADD 1 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal-Latvja tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) ST 10157/21 INIT; ST 10157/21 ADD 1 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Latvja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli għad-Danimarka kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 1 625 890 885⁵. Din il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 1 640 779 642 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;
- (b) ammont ta' EUR 193 721 502 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (c) ammont ta' EUR 123 797 035⁶, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punt (a);
- (d) ammont ta' EUR 10 946 343, ittrasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribut finanzjarju tal-Unjoni disponibbli għal-Latvja f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-ammont ta' EUR 237 380 000 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-ammont ta' EUR 26 948 676 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jiġi jitħallas mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

⁵ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Latvja tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

⁶ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Latvja, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Anness IVa ta' dak ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tista' tħallas il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali f' segment wieħed jew f' diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.”;

(4) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni:

Artikolu 2
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President